MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 75/2010

**Charles Steven Muscat**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta’ Charles Steven Muscat fejn ippremetta:-

Illi kontra r-rikorrent inhareg att ta’ akkuza numur 47/2010.

Illi in effetti l-Avukat Generali qed jakkuza lill-esponent inter alia b’zewg kapi ta’ akkuza koncernanti spacc ta’ droga kokaina u erojina.

Illi l-Pulizija Ezekuttiva esebiet stqarrija tar-rikorrent mehuda din l-istqarrija fis-7 ta' Awissu 2002 u pprezentata fit-12 ta' Novembru 2002.

Illi meta rrilaxxa tali stqarrija r-rikorrent kien ipprojbit milli jikkomunika mal-Avukat Difensur tieghu, liema jedd kien inezistenti fil-qafas legali nostrali.

Illi minhabba fil-premess ir-rikorrent isostni li gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali tieghu, kif kontemplati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi ghandu jigi enfasizzat li dan id-dritt gie affermat kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qrati taghna.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitlob, prevja li jigi dikjarat li d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq gew lezi ghall-imsemmija ragunijiet, jigi ordnat l-isfilz tal-istatement tar-rikorrent u jinghataw dawk il-provvedimenti u direttivi xierqa sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u fundamentali tal-esponent.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed jillamenta illi peress li fil-mument illi r-rikorrent irilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Pulizija Ezekuttiva kien hemm in-nuqqas totali ta' legislazzjoni li tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat fl-istadju ta' qabel ma persuna tigi akkuzata formalment quddiem il-Qorti allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti permezz ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi kif jirrizulta mir-rikors promutur, ir-rikorrenti jinsab akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali bi spacc, liema Qorti ghadha ma bdietx tisma’ l-kaz ta’ l-akkuzat. Illi huwa pacifiku li sabiex tkun tista’ tigi deciza allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq hu mehtieg illi jsir apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu.

Peress illi l-proceduri kriminali ghadhom ma bdewx jinstemghu quddiem il-Qorti Kriminali u wisq anqas gew konkluzi u dan meta l-apprezzament ta’ allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq tirrikjedi evalwazjoni tal-process penali fl-intier tieghu, l-azzjoni odjerna hija ghalhekk wahda intempestiva u ghandha tigi dikjarata tali. Dan ukoll fid-dawl tas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja fejn sabet lezjoni ta’ l-Artikolu 6 meta l-Qorti Kriminali sabet sejba ta’ htija billi strahet principalment fuq l-istqarrija u mhux fuq provi ohra.

L-esponenti jissottometti illi bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta’ assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b’reat kriminali. Kull meta l-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq minhabba n-nuqqas ta’ assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, dejjem ikkwalifikat il-gudizzju taghha u irriteniet illi jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. L-esponenti jirrileva illi certament illi mhux il-kaz illi l-Qorti Ewropeja irriteniet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta’ dritt ta’ smiegh xieraq.

L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta’ smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita’ tal-procedura u mhux fir-rigward ta’ mumenti minnha bhal ma qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent fejn qed jiffoka fuq l-istadju ta’ l-interrogazzjoni. L-esponenti jissottometti illi d-dritt ta’ smiegh xieraq ma jistax ikun evalwat fir-rigward ta’ mumenti li sehhew qabel ir-rikorrenti effettivament kien tressaq bhala akkuzat. Dan kien stabbilit fil-kaz fl-ismijiet

Imbroscia v. Switzerland (applikazzjoni numru 13972/88 deciz mill-Qorti Ewropeja fl-24 ta' Novembru 1993) – "The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case."

L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti inghata t-twissija skond il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.

L-esponenti jissottometti illi fl-ebda waqt tal-proceduri ma giet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' ta' l-istqarrija da parti tar-rikorrenti izda kien biss wara tmien snin mir-rilaxx ta' tali stqarrija u meta nhareg l-att ta' l-akkuza in konfront tar-rikorrent li qed tigi attakata l-istqarrija u qed jintalab l-isfilz taghha ghax allegatament ittiehdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. In fatti, l-istqarrija li minnha qed jillamenta r-rikorrenti giet rilaxxata lill-Pulizija Ezekuttiva fis-7 ta' Awissu 2002 liema stqarrija giet ezebita fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2002. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti ma ghamel l-ebda oggezzjoni dwar tali stqarrija f'dak l-istadju.

L-esponenti jissottometti wkoll illi l-kazijiet li jaghmel referenza ghalihom ir-rikorrent kienu ferm differenti mill-kaz odjern. Fil-kaz ta' Salduz v. Turkey, Salduz kien minorenni fiz-zmien tal-kaz u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament hazin tieghu waqt l-interrogazzjoni u li l-istqarrija inghatat meta kien hekk imgieghel. L-istess jinghad ghall-kazijiet tal-Qorti Ewropeja iccitati mir-rikorrenti. Fil-kaz ta' Amutgan v. Turkey, il-Qorti Ewropeja sabet lezjoni peress illi l-Qorti Kriminali kienet strahet principalment fuq l-istqarrija ta' Amutgan.

Fil-kaz tar-referenza kostituzzjonali ‘Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera’ (deciza mill-Ewwel Qorti fit-28 ta’ Ottubru 2010 u li tinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali) l-Ewwel Qorti osservat illi Privitera ghalkemm kien ghalaq it-tmintax-il sena xorta wahda kien ghadu ta’ eta’ tenera u l-fatt li huwa ma kienx midhla ta’ sitwazzjonijiet simili kien intimidat mill-presenza tal-pulizija.

L-esponenti jissottometti wkoll illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti fis-sens li tigi sfilzata l-istqarrija moghtija mir-rikorrenti huwa rimedju li mhux gustifikat. Illi l-funzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti jirrigwarda l-kompatibilita’ tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija mal-Konvenzjoni Ewropeja u mal-Kostituzzjoni ta’ Malta u kwistjoni ta’ sfilz ta’ l-istqarrija ghandha tkun konsidrata mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni penali li tgawdi gurisdizzjoni biex tevalwa l-validita’ u l-ammissibilita’ tal-provi migjuba quddiemha fil-kawza kriminali ghall-fini ta’ dik il-kawza.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta’ dawn l-Artikoli.

Bl-ispejjez.

Rat il-vebal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2011 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija in kwestjoni, l-ligi ma kienitx tippermetti li min qed jigi interrogat u nvestiigat jikkonsulta mal-konsulent legali tieghu meta tkun ser tittiehed l-istqarrija tieghu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota responsiva ta’ osservazzjonijiet tal-intimat

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Ir-rikorrenti, fir-rikors promotur tieghu, jaghmel referenza ghal proceduri kriminali li nbdew kontra tieghu bl-att ta' akkuza numru 47/2010 u fejn huwa qed jigi akkuzat, fost affarijiet ohra, ta' spacc ta' droga kokaina u erojina. Huwa jaghmel referenza ukoll ghall-istqarrijia tieghu li hu rrilaxxja lill-Pulizija Ezekuttiva fis-7 ta' Awissu 2002 waqt li kien qed jigi interrogat. Ir-rikorrenti jallega li meta rrilaxxa din l-istqarrija huwa kien ipprojbit milli ikkomunika u jikkonsulta mad-difensur ta' fiducja tieghu. Dwar dan il-fatt hemm qbil bejn il-partijiet kif jirrizulta mill-imsemmi verbal tal-20 ta' Jannar 2011. Fiz-zmien tar-reilaxx tal-istqarrija in kwestjoni l-ligi taghna ma kienitx tipprovdi li l-interrogat jista jkollu l-assistenza tad-difenur tieghu waqt li jkun qed jigi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxa stqarrija. Minhabba dan kollu r-rikorrent isostni li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob, prevja li jigi dikjarat li d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq gew lezi, li jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u li jinghataw il-provvedimenti u direttivi xierqa sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u fundamentali tal-esponent.

l-artikoli citati mir-rikorrenti u cioe' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem (kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta) huma simili f'dak li jipprovdu pero', jista jinghad, li l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hu aktar estensiv u dan kif gie nnutat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alvin Privitera" deciza fil-11 ta' April 2011. Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 39 jipprovdi li – "Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali .. huwa ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi."

Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi-

"Fid-decizjonijiet tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli min tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi......"

Is-sub-artikolu (3)(c) tal-istess artikolu 6 tal-Kap.319 jipprovdi li kull min ikun akkuzat b’reat kriminali ghandu d-dritt “li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta’ assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b’xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk.”

L-ebda wiehed mill-artikoli citati ma jistipula specifikament li persuna li tkun qed tigi investigata mill-Pulizia in konnessjoni ma xi allegat reat ghandha id-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta’ fiducja taghha jew li jkun gie assenjat lilha skond il-ligi. Gie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europea li dak li hu stipulat fl-artikolu 6 tal Konvenzjoni hu applikabbli ghal dak l-istadju li jipprecedi proceduri kriminali quddiem il-Qrati kompetenti kontra min ikun qed jigi investigat u interrogat mill-Pulizija. Ghalhekk il-provedimenti in kwestjoni huma ukoll applikabbli fil-fazi tal-investigazzjonijiet u tal-interogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat ghandu d-dritt li jiddefendi ruhu bl-istess mod kif jista jiddefendi ruhu fil-kors ta’ proceduri kriminali li jkunu ttiehdu kontra tieghu. B’mod psartikolari huwa ghandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda jigi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu principju ben assodat li johrog minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide “Imbroscia vs Svizzera” tal-24 ta’ Novembru 1993 u “Panovits vs Cyprus” tal-11 ta’ Dicembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-Qrati taghna..

Gie ukoll ritenut, pero’, li d-dritt ta’ access ghall-avukat waqt l-istadju tal-“pre-trial” m’ghandux jitqies bhala dritt assolut, u dan fis-sens li meta jkun hemm ragunijiet validi, tali access jista jigi b’xi mod limitat u suggett ghal restrizzjonijiet. Kwindi r-regola hi li l-investigat ghandu d-dritt li jikkomunika ma avukat fl-istadju in kwestjoni u biss f’kazijiet eccezzjonali tali dritt jista b’xi mod jigi limitat. Ghalhekk ukoll jekk lill-investigat jigi negat id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu, minghajr raguni valida, jista jwassal ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-istess investigat.

Gie diversi drabi ribadit mill-istess Qorti Europea li sabiex jigi stabbilit li kien hemm, effettivament, lezjoni tal-artikolu 6 in kwestjoni, ghandhom jigu esaminati l-proceduri kollha in kwestjoni fit-totalita' taghhom. Kwindi l-insenjament tal-Qorti Europea hu li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma tistax tittiehed waheda izda ghandha tigi esaminata fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita' taghhom u fl-interezza taghhom. F'dan ir-rigward l-intimat isostni li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti ghadhom ma gewx decizi u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hi intempestiva stante li jista biss jigi stabbilit jekk kienx hemm lezjoni wara esami tal-process fl-interezza kollha tieghu u cioe', skond l-intimat, wara li l-istess proceduri jigu decizi.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti hawnhekk mhux qed jigi deciz jekk ir-rikorrenti huwiex hati jew le tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dan mhux il-kompitu ta' din il-Qorti, li, in effett, trid tiddeciedi jekk sehhitx lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti meta huwa rrilaxxja stqarrija waqt l-investigazzjonijiet minnhajr ma seta, qabel, jikkonsulta ma avukat. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alvin Privitera" l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011) gie ritenut li "meta di gia jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista ssib li hemm lezjoni, il-Qorti m'ghandhiex toqghod tistenna sakhemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista jaghti l-kaz li jkun tard wisq. ....... Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jippregudikaw id-dritt ta' persuna akkuzata irrimedjabilment."

Hawnhekk il-lanjanza hi li s-smigh tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti mhux ser ikun xieraq peress li meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, li giet esibita waqt il-kompilazzjoni tal-provi kontra tieghu, ma kienx assistit minn avukat stante li l-ligi lanqas biss kienet tippermettilu li jikkomunika jew jikkonsulta ma avukat f'dak l-istadju. Jerga jinghad li dan hu ukoll ammess mill-intimat. Ghalhekk kull ma hemm bzonn li jsir hu li jigu esaminati c-cirkostanzi li fihom giet rilaxxjata l-istqarrija in kwestjoni. Il-

kontenut tal-istqarija u l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrenti huma irrilevanti ghall-finijiet tal-presenti sentenza, kif huma ukoll irrilevanti proceduri u cirkostanzi ohra konnessi mal-fatti in kwestjoni. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tesamina l-provi in partikolari biex tivverifika jekk hemmx jew le provi ohra li jistghu iwasslu li eventwalment ir-rikorrenti jinstab hati.

L-istqarrija in kwestjoni giet rilaxxjata fis-sena 2002 u fiz-zmien li giet rilaxxjata r-rikorrenti kien ilu mizmum il-habs mill-1994. Dan jirrizulta mill-istess stqarrija in kwestjoni tar-rikorrenti. Ma jirrizultawx fatti u cirkostanzi ohra dwar dak li seta ppreceda r-rilaxx tasl-istess stqarrija. Il-fatt rilevanti hu li r-rikorrenti ma kkonsultax mal-konsulent legali tieghu qabel irrilaxxja l-istess stqarrija stante li, anke jekkried li jkollu tali konsukt, il-ligi, dak iz-zmien, ma kienitx tippermetti lill-interrogat jikkomunika ma avukat qabel ma jirrilaxxja stqarrija. Meta r-rikorrenti rrilaxxja l-istqarrija huwa ghamel att li seta jippregjudukah irrimedjabilment u kwindi l-fatt li r-rikorrent ma kellux access ghall-avukat tieghu, f'dak l-istadju, u inoltre ma setax jikkonsulta mal-istess avukat hu lesiv tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Fl-isfond ta' dak kollu li gie premess il-Qorti jidhirlha li gia hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom tista tikkonkludi li hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali u ghalhekk ma hemmx ghalfejn li tistenna li l-kawza krimnali in kwestjoni tkun deciza. Il-fatt biss li r-rikorrent kien prekluz mill-ligi li jikkonsulta ma avukat hu bizzejjed sabiex jigi konkluz li d-dritt pretiz mir-rikorrenti gie miksur. Konsegwentement ukoll l-eccezzjoni tal-intempestivita' kif sollevata mill-intimat ghandha tigi michuda.

L-intimat fl-ebda hin ma qal li d-dritt fondamentali in kwetjoni tar-rikorrenti kellu b'xi mod jigi limitat jew ristrett u anqas u anqas ma gab ebda prova jew raguni valida ghala tali dritt fil-konfront tar-rikorrenti kellu jigi limitat jew ristrett.

F'dan il-kaz fl-apprezzament tal-presenti allegazzjoni tar-rikorrenti ma hemmx bzonn li ssir evalwazzjoni tal-process kriminali fl-intier tieghu. Kif gia gie rilevat hawnhekk mhux

qed jigi deciz jekk ir-rikorrenti hu hati jew le tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Hu minnu li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta’ assistenza legali waqt li tkun qed tigi rliaxxjata l-istqarrija, pero’, jezisti d-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq fi process fejn xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali. Kif ukoll gia gie sottolineat is-smigh xieraq jimplika l-assistenza ta avukat mhux biss waqt li jkun qed jigi celebrat il-process propju izda ukoll fil-fazi li tipprecedi tali process. Hu ovvju li l-investigat jew ahjar l-imputat xorta wahda jista jinstab li hu hati tal-akkuzi fuq provi ohra pero’ ma jistax jinstab hati semplicement u esklusivament fuq dak li jkun stqarr l-istess imputat.

Dak li hemm provdut fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jimplika li, fi proceduri kriminali, l-prosekuzzjoni u d-difiza ghandhom ikollhom “armi pari.” Dan l-istess artikolu jimplika li jrid jkun hemm sens ta gustizzja ma tul il-process kollu kriminali u anke qabel ma jibda l-process proprju. Hu ukoll indikattiv li minn ikun qed jigi interrogat mill-Pulizija ghandu ikollu access ghall-avukat tieghu. In-nuqqas ta tali access hu ta pregudizzju ghad-drittijiet tal-interrogat u tad-difiza tieghu. Inoltre l-interrogat ghandu jigi mwissi li hu jista jikkonsulta ma avukat waqt l-interrogatorju u qabel ma jirilaxxja stqarrija.

Id-drittijiet tad-difiza jigu serjament pregudikati meta l-interrogat u wara l-akkuzat jaghmel stqarrijiet, minnghajr ma jkun assistit minn avukat, liema stqarrijiet jinkriminawh. L-intimat issottometta li waqt il-proceduri kriminali li saru sa dan l-istadju r-rikorrenti qatt ma sostna li l-istqarrija in kwestjoni ghandha titqies li ttiehdet b’mod invalidu u dina s-sottomissjoni r-rikorrenti ssolleva biss f’dan l-istadju. Kif sostniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza gia’ citata “Il-Pulizija vs Alvin Privitera” - “Ir-rikorrenti ma kellu ebda terminu biex iressaqq il-lanjanza tieghu.” L-intimat jeccepixxi ukoll li r-rikorrent ma giex imgieghel jirrilaxxja l-istqarruja u inoltre nghata s-solita twissija qabel ir-rilaxx tal-istess stqarrija. Din l-istess sottomissjoni saret mill-appellant Avukat Generali fl-imsemmija kawza (l-Avukat Generali hu in effett l-intimat f’dawn il-proceduri) u f’dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza ta’ Privitera ghamlet

referenza ghad-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet, ghal-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu, u ghall-principju l-iehor li ghandu jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. Dawn il-principji huma kollha attinenti mal-kuncett ta smigh xieraq ("fair trial"). Fattur li hu importanti u ghandu jerga jigi sottolineat hu li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt moghti mill-ligi biex ikun assistit minnn avukat.

L-assistenza ta avukat hi necessarja sa mill-bidu tal-investigazzjonijiet peress li l-investigat, fic-cirkostanzi li jkun jinsab fihom, jista jkun f'posizzjoni vulnerabbli u dik il-vulnerabbilita' tista b'xi mod tigi kumpensata bil-presenza tal-avukat tal-investigat. Jigi precizat li f'dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrenti b'xi mod kien aktar vulnerabbli meta huwa rrilaxxja l-iostqarrija pero' hu fatt inkonfutabbli li r-rikorrenti kellu d-dritt li jkun assistit waqt li jkun qed jigi investigat u in partikolari meta jkun qed jirrilaxxja stqarrija. Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrenti qatt irrinunzja ghal dan id-dritt. F'dan ir-rigward irid jinghad li r-rikorrenti lanqas kellu dritt x'jirrinunzja.

L-intimat issottometta li r-rimedju li qed jitlob ir-rikorrenti cioe' l-isfilz tal-istqarrija hu ingustifikat peress li l-funzjoni ta' din il-Qorti tirrigwarda l-kompatibilita' tac-cirkostanzi li fihom saret l-istqarrija mal-Konvenzjoni Europea u mal-Kostituzzjoni ta' Malta. Skond l-intimat il-kwestjoni tal-isfilz tal-istqarrija ghandha tigi kkunsidrata mill-Qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni penali li hi kompetenti biex tevalwa l-validita' u l-ammissibilita' o meno tal-provi. F'dan ir-rigward ghandha ssir referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li din il-Qorti "tista taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq jew tassigura it-twettiq" tad-drittijiet fubdamentali specifikati fl-istess Kostituzzjoni. Kwindi jekk din il-Qorti jidhrilha li biex jjitwettqu, b'mod effikaci, d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghanu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija dan jista jsir skond l-imsemmija provedimenti. Skond l-istess provedimenti hu l-obbligu tal-Qorti li taghti dawk l-ordnijiet u diretivi li jkunu intizi biex jassiguraw li d-drittijiet tar-rikorrenti jigu tutelati u mwettqa. Kwindi fil-kawza odjerna

ghandu jigi ordnat l-isfilz tal-istqarrija in kwestjoni u dan peess li l-istess stqarrija ttiehdet in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti in partikolari kif sanciti bil-provedimenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha sollevati mil-intimat jimmeritaw li jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqilhom li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, kif sanciti in partikolari fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, gew lezi utordna l-isfilz tal-istqarrija tar-rikorrent mill-process kriminali kontra tieghu u dan sabiex jigi assigurat it-twettiq tad-drittijiet fondamentali kif sanciti bl-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 319.

Spejjez kolha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------